Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta' Marzu 2001.

Avviz Nru: 1579/00

Victor u Maria Stella konjugi Cutajar

Vs

Philip Delceppo

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) rapprezentanti skadenzi ta' kera tal-appartamenti 1 u 2, f'24, Triq it-Tempju Neolitiku, Tarxien, ghax-xhur ta' Settembru, Ottubru u Novembru 2000.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri bonarji datati l-1 u l-5 ta' Novembru 2000, u tal-mandati ta' qbid u sekwestru kawtelatorji prezentati kontestwalment ma' dana l-avviz, u bl-imghax legali mil-lum, kontra l-konvenuti li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikata ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici; ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lill-attur Victor Cutajar, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mitt lira (Lm300) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mit-13 ta' Novembru 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta' Marzu 2001.

Avviz Nru:835/00

Francis Gauci

Vs

Rebecca Psaila

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tminn mitt lira hamsa u erbghin centezmu (Lm800.45c) bhala danni minnha kkagunati u minnu subiti in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara San Giljan fit-30 t'Ottubru 1999 meta waqt li hija kienet qed issuq il-vettura Nru HAS-707 habtet mal-vettura Nru LCB-994, propjeta' tal-attur u misjuqa minnu prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident l-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tas-7 ta' Jannar 2000, dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Mejju 2000, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mid-29 ta' Mejju 2000, kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici ; ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet lill-attur

bil-gurament issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; u ghaldaqstant qieghda tilqa' l-istess t-talba u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur s-somma mitluba ta' tminn mija liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm800.45c) ghar-ragunijiet kollha indikati fl-avviz. Filwaqt li tiddikjara illi l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident ossia kollizzjoni msemmija fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mid-29 ta' Mejju 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta' Marzu 2001.

Avviz Nru: 63/00

Pupulio Attard u b'digriet tat-23 ta' Gunju 2000 stante il-mewt ta' Pupulio Attard il-gudizzju gie trasfuz fl-ismijiet ta' Ganni Attard, Marija Calleja, Joseph Attard f'ismu u f'isem ohtu assenti Helen Borg kif ukoll Maria Dolores Attard u Carmen Attard.

Vs

George Debono

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u disghin lira Maltin (Lm590) rapprezentanti xoghol ta' gebel lilu kkonsenjat mill-mejjet Censu Attard li jigi t-tifel ta' l-attur Pupulio Attard u hut l-atturi l-ohra.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni u bl-interess mid-data tal-prezentata tal-avviz.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u ghaldaqstant wara li semghet bil-gurament lill-attur Ganni

Attard issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' hames mija u disghin lira (Lm590).

Bl-imghaxijiet legali b'effett mid-19 ta' Jannar 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta' Marzu 2001.

Avviz Nru: 431/00

Vodafone Malta Limited

Vs

Deborah Bugeja

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u ghoxrin liri Maltin u tmienja u sittin centezmi (Lm720.68c) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u `airtime' ghall-istess uzu, moghti lilha mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mis-16 ta' Gunju 1997 sal-1 ta' Gunju 1999.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali.

Bil-konvenuta ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas ma dehret fis-seduta tal-lum biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' sebgha mija u ghoxrin lira u tmienja u sittin centezmu (Lm720.68c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta' Marzu 2001.

Avviz Nru: 423/00

Vodafone Malta Limited

Vs

Joe Friggieri

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u tlettax-il lira Maltin u disgha u sebghin centezmi (Lm613.79) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u `airtime' ghall-istess uzu, moghti lilu mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mill-31 ta' Dicembru 1998 sal-1 ta' Settembru 1999.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali.

Bil-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' sitt mija u tlettax –il lira u disgha u sebghin centezmi (Lm613.79c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat

Dep/Reg

Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta' Marzu 2001.

Avviz Nru: 411/00

Vodafone Malta Limited

Vs

Interplast Limited

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u tnejn u tletin liri Maltin u disgha u sittin centezmi (Lm432.69) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u `airtime' ghall-istess uzu, moghti lilha mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mid-29 ta' April 1996 sal-1 t'Ottubru 1998.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali.

Is-socjeta' konvenuta ngunta issa in subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma dehru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-kumpanija attrici s-somma ta' erbgha mija u tnejn u tletin lira u disgha u sittin centezmu (Lm432.69c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mil-lum.

Bl-ispejjez kontra konvenuti.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta' Marzu 2001.

Avviz Nru: 407/00

Vodafone Malta Limited

Vs

Julian Friggieri

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' konvenuta talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u sitta u ghoxrin liri Maltin u sebgha u disghin centezmi (Lm326.97) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u `airtime' ghall-istess uzu, moghti lilu mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mit-3 ta' Dicembru 1998 sal-1 ta' Awissu 1999.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali.

Il-konvenut ngunt minn issa in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' tlett mija sitta u ghoxrin lira u sebgha u disghin centezmi (Lm326.97c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta’ Marzu 2001.

Avviz Nru: 403/00

Vodafone Malta Limited

Vs

Byblos Limited

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta’ liema s-socjeta’ attrici talbet il-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ tlett mija u erbgha u hamsin liri Maltin u disgha u disghin centezmi (Lm354.99c) bilanc ta’ somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta’ mobile telephone u `airtime’ ghall-istess uzu moghti lilha mis-socjeta’ attrici ghall-perjodu mit-23 ta’ Jannar 1998 sal-10 ta’ Gunju 1999.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali.

Is-socjeta’ konvenuta ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma dehru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; u l-Qorti qieghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-kumpanija attrici s-somma ta’ tlett mija u erbgha u hamsin liri Maltin u disgha u disghin centezmi (Lm354.99c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta’ Marzu 2001.

Avviz Nru: 375/00

Practical Trading Company Limited

Vs

Pierre Grima

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta’ liema s-socjeta’ attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ hames mija u tlieta u disghin liri Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm593.77c) prezz ta’ merkanzija minnu ordnat u lilu kkonsenjat fuq ordni tieghu stess, ghal liema ammont huwa hareg cekk li ma ssarrafx ghax skadut.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-konsenja kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ hames mija tlieta u disghin liri Maltin u sebgha u sebghin centezmi (Lm593.77c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b’effett mid-9 ta’Novembru 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta' Marzu 2001.

Avviz Nru:1052/99

Avukat Dottor Michael
Tanti Dougall ghan-nom u in
rapprezentanza tas-socjeta'
Telecell Limited.

Vs

Sarah Louise Mifsud

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur nomine talab il-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u tmien liri Maltin tnejn u erbghin centezmi (Lm408.42) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u `airtime' ghal-istess uzu, moghti lilha mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mis-26 ta' Novembru 1996 sas-16 ta' Dicembru 1997, oltre l-imghax fuq l-istess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 13 ta' Jannar 1998 u tal-ittra ufficjali ta' Jannar 1998 u bl-imghax legali.

Il-konvenuta ingunta minn issa in subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas ma dehret fis-seduta tal-lum biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni; ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma. U l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma mitluba ta' erbgha

mija u tminn liri Maltin u tnejn u erbghin centezmi (Lm408.42c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mis-7 ta' Lulju 1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta’ Marzu 2001.

Avviz Nru: 831/00

Joseph Lia

Vs

Jeremy u Doris Buhagiar

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ hames mija u disgha u tletin lira Maltin (Lm539) rapprezentanti import ta’ kambjala iffirmata u accettata mill-konvenuti li skadiet fl-20 ta’ Settembru 1995 minghajr ma thallset.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta’ Marzu 1999, tal-mandat ta’ sekwestru u tal-ittra ufficjali pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni u b’digriet tal-10 ta’ Novembru 2000 intalbet iz-zieda tal-kliem “u bl-imghax legali mill-20 ta’ Settembru 1995”.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici; ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lil Joseph Vella u rat il-kambjala originali esebita a fol 9 tal-process, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikat u timmerita konferma u ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma mitluba ta’ hames mija disgha u tletin lira Maltin (Lm539) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mit-12 t'Ottubru 1995.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta' Marzu 2001.

Avviz Nru: 1559/00

Anna Antignolo ghan-nom ta' C&H Bartoli Limited

Vs

Joseph Frendo f'ismu stess u ghan-nom u okkorrendo bhala propjetarju ta' Frendo Bakery

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attrici nomine talbet il-kundanna tal-konvenut nomine ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija hmistax-il lira Maltin wiehed u tmenin centezmi (Lm715.81c) bilanc ta' somma akbar prezz ta' `bone divider', `moulding plate parts' u oggetti ohra mibjugha u kkonsenjati lilu, kompriz l-imghax sal-25 ta' Settembru 2000 u spejjez in konnessjoni ma' ittra legali interpellatorja, - kollox skond l-`istatement of account' hawn anness u mmarkat Dok. A.

Bl-ispejjez u bl-imghax ta' 8% fis-sena mis-26 ta' Settembru 2000 il-quddiem kontra l-konvenut proprio et nomine li hu mharrek ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat in-nota ta' riduzzjoni prezentata llum stess mill-atturi permezz ta'

liema huma rriducew is-sorte bis-somma ta' mitejn lira (Lm200) ghas-somma ta' hames mija u hmistax –il lira u wiehed u tmenin centezmu (Lm515.81c).

Wara li l-Qorti semghet lil Anna Antignolo bil-gurament u rat id-dokumenti esebiti; it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda ghalhekk tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' hames mija u hmistax-il lira u wiehed u tmenin centezmi (Lm515.81c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mis-26 ta' Settembru 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta’ Marzu 2001.

Avviz Nru: 359/00

Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma

Vs

Edward Borg

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-Korporazzjoni attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ tmien mija u tliet liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm803.25c) dovuti minnu lilha kwantu ghas-somma ta’ sitt mija tnejn u disghin liri Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm692.34c) ghal ilma li ttiehed minnu minghajr ma kien registrat f’meter fil-fond Villa Fleur, Triq il-Militar, Madliena fit-23 ta’ Gunju, 1995 u fix-xhur ta’ qabel u kwantu ghas-somma ta’ mija u ghaxar liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm110.91c) bhala rimborz ta’ l-ispejjez ta’ l-ispezzjoni li saret mill-Korporazzjoni fl-istess fond u fl-istess data.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-14 ta’ Jannar, 2000, kontra l-konvenut, li minn issa jinsab ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici. Rat illi b’nota prezentata mill-Korporazzjoni attrici fis-seduta tal-lum stess permezz ta’ liema rrinunzjaw ghas-sorte izda zammew ferm il-kap tal-ispejjez, ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet il-provi prodotti mill-Korporazzjoni attrici, issib illi t-talba attrici ghall-ispejjez tirrizulta gustifikata u ghaldaqstant qieghda tilqa’ t-talba attrici dwar l-ispejjez.

Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ispejjez tal-kawza.

S.Farrugia                                                        Magistrat
Dep/Reg

Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta’ Marzu 2001.

Avviz Nru: 239/00

Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited

Vs

Martin Zerafa

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta’ liema s-socjeta’ attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ erba’ mija u hamsa u erbghin liri Maltin (Lm445) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u debitament kkonsenjata lilu.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 19 ta’ Novembru 1999, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat la deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni; ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma. U l-Qorti qieghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ erba’ mija hamsa u erbghin liri Maltin (Lm445) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b’effett mid-29 ta’ Frar 2000.

B-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta' Marzu 2001.

Avviz Nru: 811/00

HSBC Bank Malta p.l.c.

Vs

Paul Grech

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-Bank attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' tmien mija u hames liri Maltin u erbghin centezmu (Lm805.40) import ta' disgha (9) kambjali li kopji taghhom huma hawn annessi u mmarkati Dokument 1,2,3,4,5,6,7,8 u 9 u li d-data tal-maturita' taghhom skadiet.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut ipprezenta fir-Registru nota ta' ammissjoni fis-7 ta' Frar 2001. Ghaldaqstant fuq ammissjoni l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-Bank attur is-somma mitluba ta' tminn mija u hames liri Maltin u erbghin centezmu (Lm805.40c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz b'dan li l-esekuzzjoni tkun tista' ssir wara li l-kambjalijiet originali jigu pprezentati permezz ta' nota fl-atti ta' din il-kawza.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-20 ta' Frar 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat

Dep/Reg